**FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**IMĦALLEF**

**ONOR. GRAZIO MERCIECA LL.D.**

**ILLUM, 16 ta' Jannar 2023**

**Rikors Nru. 916/2016 GM**

**Nawar Riad Magdy Talat (Passaport Eġizjan nru 2097916)**

**vs**

**Avukat Ġenerali u b'digriet tal-10 ta' Diċembru 2010 l-isem "Avukat Ġenerali" ġie sostitut bl-isem "Avukat tal-Istat".**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Ġuramentat ta' Nawar Riad Magdy Talat li permezz tiegħu wara li ppremetta illi :

1. Ir-rikorrenti twieled ġewwa Ciaro fl-Eġittu fl-1961, fejn għex sakemm kellu l-eta' ta' sebgħa snin.

2. Fis-sena 1968 huwa mar jgħix flimkien mal-familja tiegħu ġewwa Tantah fl-Eġittu stess. Il-ġenituri tar-rikorrenti mietu meta huwa kien għad kellu eta' tenera, ħuh kien mar jgħix l-Amerika minħabba l-persekuzzjoni li kien qed jaffaċja ġewwa l-Eġittu u r-rikorrenti baqa' jgħix waħdu sakemm iżżewweġ lil Dalia Nashed Armanyous Tadros fis-sena elfejn u erbgħa (2004).

3. Wara ż-żwieġ tiegħu, ir-rikorrenti, flimkien ma' martu u Dr Mustafa, persuna ta' twemmin Musulman, bdew 'business' ġewwa Siwa, liema 'business' kien wieħed ta' suċċess sakemm ir-rikorrenti u martu kienu fil-mira ta' persuni ta' twemmin Musulman kif ukoll grupp mit-tribu ta' Amazir, primarjament minħabba t-twemmin reliġjuż tagħhom u ulterjorament minħabba l-fatt li Anwar Habbun, iben kap tat-tribu ġewwa Siwa beda jippersegwita u jhedded lir-rikorrenti u lil martu.

4. Huma għamlu diversi tentattivi sabiex jaħarbu mill-persekuzzjoni tant li huma mxew minn post għal ieħor ġewwa l-Eġittu, iżda l-persekuzzjoni u theddid ippersistew.

5. Għalhekk fi Frar tas-sena elfejn u ħdax (2011) ir-rikorrenti u martu telqu mill-Eġittu u marru ġewwa l-Libja fejn hemm ukoll ir-rikorrenti affaċja persekuzzjoni minħabba t-twemmin reliġjuż tiegħu sakemm kellhom jitilqu mill-pajjiż minħabba l-kunflitt vjolenti li nħakem fil-Libja.

6. Wara li wasal Malta r-rikorrenti għamel talba għall-ażil, stante li jekk imur lura pajjiżu huwa ser jisfa vittma ta' persekuzzjoni minħabba it-twemmin reliġjuż tiegħu kif ukoll minħabba l-fatt li huwa ma jistax imur lura l-Eġittu.

7. It-talba tiegħu ġiet miċħuda mill-Kummissarju għar-Rifuġjati fl-għaxra (10) t'Ottubru, tas-sena elfejn u ħmistax (2015), u dan għas-segwenti raġunijiet:

*'Regarding your case, this Office is of the opinion that considering all of your statements, including your lack of high profile and conflict involvement, there is no evidence to believe that you fulfill the requirements of the refugee definition contained in the 1951 Convention relating to the status of Refugees.*

*Furthermore, the Office of the Refugee Commissioner is of the opinion that there is no evidence to believe that the above mentioned claims, in the circumstances as recounted by you amount to persecution according to the 1951 Convention relating to the Status of Refugees.*

*Consequently, there is no reason to believe that you feared persecution according to the grounds of the 1951 Geneva Convention or that you feared serious harm according to the Refugees Act.'* (Dok. A).

8. Huwa appella minn din id-deċiżjoni bl-għajnuna tal-Avukat tal-għajnuna Legali Dr Roxanne Meilak Borg, li ħejjiet u preżentat nota ta' sottomissjonijiet bil-miktub (li qiegħda tiġi hawn annessa u mmarkata bħala Dok B) a bażi tad-deċiżjoni tal-Kummissarju għar-Rifuġjati.

9. Fis-sebgħa u għoxrin (27) ta' Mejju, tas-sena elfejn u sittax (2016) il-Bord tal-Appelli wasal għas-segwenti deċiżjoni fuq it-talba tar-rikorrenti:

*'The Refugee Appeals Board after taking into consideration your written and verbal submissions in the open hearing has reached the conclusion that although the situation in your country of habitual residence after the ousting of the Gaddafi Regime was no longer safe for you and your family to continue to live and work in that country, you could have moved to your country of origin Egypt. Even though in some areas of Egypt Coptic Christians can suffer ill treatment and discrimination this usually happens outside the large cities. In Alexandria and Cairo where you lived, there is a strong presence of many thousands of Coptic Christians who practice their religion publicly in churches. The New Constitution of 2014 recognizes freedom of religion and belief. The regime of the present President of Egypt General Al Sisi is going its best to give its protection to the Christian Coptic Community to practice their religion freely. Nor did you produce any evidence that you faced or risked facing persecution in terms of the 1951 Geneva Convention or faced or risked facing serious harm in terms of Chapter 420 of the Laws of Malta.* (Dok. C)

**<u>RAĠUNIJIET TAT-TALBA</u>**

10. Ai termini tal-artikolu 3(h) tal-Att dwar il-Ġustizzja Amministrattiva, Kapitolu 490 tal-Liġijiet ta' Malta jispeċifika illi:

*'is-sentenzi għandhom ikunu motivati. Tribunal amministrattiv għandu jagħti, b'mod biżżejjed ċar, il-motivi li fuqhom tkun mibnija d-deċiżjoni. Għalkemm ma jkunx meħtieġ li t-tribunal jiddisponi minn kull punt imqajjem bħala argument, sottomissjoni li tkun, li kieku din tiġi aċċettata, meħuda deċiżiva għar-riżultat tal-kawża, għandu jkollha risposta speċifika u espressa'..*

11. Id-deċiżjoni tal-Bord tal-Appell tar-Refuġjati ma hijiex konformi mal-liġi, ma tikkonformax ruħha mal-prinċipji tal-ġustizzja naturali in kwantu li hija nieqsa mill-grad ta' motivazzjoni rikjesta mil-liġi u anke peress illi r-raġunijiet li fuqhom hija bbażata l-istess deċiżjoni ma humiex riflessi f'dik id-deċiżjoni.

12. Fil-fatt, id-deċiżjoni fuq ċitata ma għamlet ebda referenza għar-raġuni għaliex fil-fehma tal-Bord tal-Appelli, il-provi prodotti mir-rikorrenti ma humiex konvinċenti.

13. Flimkien man-nota ta' sottomissjonijiet, ir-rikorrenti preżenta għadd ta' dokumenti ġodda, inkluż iżda mhux limitat għall-ittra ffirmata minn Antousius Fahmi; Patri Eġizjan li kien viċin ħafna tal-esponenti u ta' martu u dikjarazzjoni solenni ta' Jehan Tadros; oħt mart l-esponenti.

14. L-esponenti ħass li l-Bord kellu jippronunzja ruħhu f'dan ir-rigward u jagħti raġunijiet għaliex skont il-Bord, ir-rikorrenti ma produċiex provi li kien f'riskju ta' persekuzzjoni speċjalment meta d-dokumenti imsemmija

kienu miġjuba bħala prova tal-persekuzzjoni li kienu rinfaċċati biha r-rikorrenti u martu.

15. L-pretenzjonijiet tar-rikorrenti flimkien ma' provi u s-sottomissjonijiet relatati fl-ebda ħin ma ġew trattati fid-deċiżjoni tal-Bord.

16. Permezz ta' applikazzjoni sussegwenti datata 7 ta' Lulju, 2016, ir-rikorrenti talab li l-każ tiegħu jerġa' jiġi eżaminat u dan ai terminu ta' Artikolu 7A tal-Kapitolu 420 tal-Liġijiet ta' Malta.

17. Fis-sebgħa u għoxrin (27) ta' Awwissu, tas-sena elfejn u sittax (2016), ir-rikorrenti ġie infurmat illi l-Kummissarju tar-refuġjati ċaħad it-talba tiegħu (Dok. D).

18. Skont l-artikolu 7(1) tal-Att dwar ir-Refuġjati, Kapitolu 420 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Bord għandu s-setgħa li jisma' u jiddeċiedi appelli kontra xi rakkomandazzjoni tal-Kummissarju.

19. Ir-regolament 5(1)(a) tal-Proċeduri tal-Bord tal-Appelli dwar ir-Rifuġjati (Avviż Legali 252 tal-2001 kif sussegwentement emendat mill-Avviż Legali 426 tal-2007, L.S. 420.01) jipreskrivi terminu għall-appell ta' ġimagħtejn min-notifika li ssir lill-applikant dwar ir-rakkomandazzjoni tal-Kummissarju.

20. Ai termini tad-Direttiva tal-Kunsill 2005/85/KE tal-1 ta' Diċembru 2005 dwar standards minimi għall-proċeduri fl-Istati Membri għall-għoti u l-irtirar ta' l-istatus ta' rifuġjat f'artikolu 39(1) timponi fuq Stati Membri l-obbliġu li jiżguraw illi "*applicants for asylum have the right to an effective remedy before a court or tribunal, against the following:*

*a) a decision taken on their application for asylum, including a decision:*
*i. to consider an application inadmissible pursuant to Article 25(2),*
*ii. taken at the border or in the transit zones of a Member State as described in Article 35(1),*
*iii. not to conduct an examination pursuant to Article 36.*"

21. Ma hemm l-ebda artiklu li jeskludix l-possibilita' li jsir appell minn rakkomandazzjoni negattiva dwar talba għall-applikazzjoni sussegwenti.

## Talab lil din il-Qorti sabiex:

1. Tiddikjara illi l-każ numru 5884/15, li jittrata appell mill-Kummmissarju għar-Rifuġjati dwar it-talba għall-ażil ta' Magdy Talat

Nawar Riad, il-Bord tal-Appelli dwar ir-Rifuġjati naqas li josserva l-prinċipju ta’ mġieba amministrattiva tajba ai termini tal-artikolu;

2. Tħassar u tannulla d-deċiżjoni tal-Bord tal-Appelli fuq imsemmija;

3. Tirremetti l-atti lill-Bord tal-Appelli biex jiddeċiedi dwar il-mertu in kwistjoni.

4. F’każ li l-Qorti tiċħad l-ewwel tliet talbiet tar-rikorrenti, Tiddikjara illi r-rikorrenti għandu d-dritt li jappella minn deċiżjoni li ċaħdet it-talba tiegħu għal applikazzjoni sussegwenti;

Rat ir-Risposta Ġuramentata tal-Avukat Ġenerali li permezz tagħha eċċepexxa illi :-

1. In linea preliminari, l-azzjoni tar-rikorrenti hija irrita u nulla u dan a tenur tal-Artikolu 7 (9) tal-Att dwar ir-Rifuġjati (Kap. 420 tal-Liġijiet ta' Malta) li jistipula b'mod ċar u inekwiviku illi:

*“Minkejja d-dispożizzjonijiet ta' kull liġi oħra, iżda mingħajr preġudizzju għall-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 4 tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea, id-deċiżjoni tal-Bord tkun waħda finali u konklużiva u ma tkun tista' tiġi kontestata jew appellata quddiem ebda qorti tal-ġustizzja".*

Għalhekk in kwantu l-kawża odjerna mhux bażata fuq allegazzjoni ta' ksur ta' drittijiet fundamentali a tenur tal-Artikolu 46 tal-Kostituzzjoni ta' Malta jew tal-Artikolu 4 tal-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta, imma hija sempliċement azzjoni li qiegħda tattakka d-deċiżjoni tal-Bord tal-Appelli per se, ir-rikors in risposta huwa legalment improponibbli.

2. In linea preliminari wkoll l-esponenti qiegħed jeċepixxi l-improponibbilita' u l-irritwalita' tal-azzjoni odjerna kif arginata waħda ai termini tal-Att dwar il-Ġusttizzja Amministrattiva (Kapitolu 490 tal-Liġijiet ta' Malta) stante illi r-rimedju mogħti fit-Kap. 490 tal-Liġijiet ta' Malta huwa dak ta' reviżjoni ta' atti amministrattivi mit-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva u mhux kawża quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Ċivili.

3. Fil-mertu, id-deċiżjoni tal-Bord tal-Appelli dwar ir-Refuġjati bin-numru 5884/15 hija ġusta, skont il-liġi u għalhekk timmerita konferma għas-segwenti raġunijiet li qed jiġu elenkati hawn isfel mingħajr preġudizzju għal xulxin:

(a) L-allegazzjonijiet tar-rikorrent huma infondati fil-fatt u fid-dritt u dan għal diversi raġunijiet. Primarjament, rigward l-allegazzjoni kontenuta fir-rikors promotur illi *"d-deċiżjoni tal-Bord hija nieqsa mill-grad ta' motivazzjoni rikjesta mil-liġi"*, qed jiġi eċċepit illi l-fatt li l-eżitu tal-proċeduri quddiem il-Bord ma ssodisfawx lir-rikorrent ma jfissirx li tali deċiżjoni bil-konklużjonijiet tagħha ma kinitx waħda ġusta jew motivata;

(b) Jiġi rilevat ukoll illi l-istess Bord aderixxa ruħu interament mal-prinċipji tal-artikolu 3(h) tal-Kapitlu 490 tal-Liġijiet ta' Malta u senjatament għaliex indika b'mod ċar u inekwivoku x'kienu l-motivazzjonijiet li wasslu għaċ-ċaħda tal-appell tal-attur u d-deċiżjoni li ma kellux każ għal status ta' refuġat;

(c) Fir-rigward tal-allegazzjoni illi *"d-deċiżjoni tal-Bord ma tagħtix raġuni għalfejn il-provi prodotti mir-rikorrenti ma humiex konvinċenti"* l-esponent jirrileva illi dan m'hu minnu xejn. Fid-deċiżjoni tiegħu l-Bord jispeċifika illi r-rikorrent kellu altenattivi oħra flok jirrikorri lejn Malta u ma ppreżentax xi prova sodisfaċenti biżżejjed biex juri illi kien impossibli li huwa jagħmel dan;

(d) Il-provi u sottomissjonijiet magħmulin mir-rikorrent kollha ġew konsidrati mill-Bord u dan kif ser jiġi muri waqt is-smigħ tal-kawża;

(e) Ma hemm l-ebda ksur tad-Direttiva tal-Kunsill 2005/85/KE dwar standards minimi għall-proċeduri fl-Istati Membri għall-għoti u l-irtirar tal-istatus ta' rifuġjat;

(f) Fir-rigward tar-raba' talba mressqa fir-rikors promotur, l-esponent jirrileva illi jekk ir-rikorrent jemmen illi għandu d-dritt jappella minn deċiżjoni li ċaħdet it-talba tiegħu għal applikazzjoni sussegwenti magħmula ai termini tal-artiklu 7A tal-Kap. 420 tal-Liġijiet ta' Malta, allura jista' jagħmel dan mingħajr ma jkollu bżonn l-awtorizazzjoni tal-Qorti u għalhekk l-esponent jikkonsidra din it-talba frivola u vessatorja;

4. Għaldaqstant in vista tas-suespost l-esponent qiegħed bl-akbar rispett jadixxi lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tiċħad it-talbiet tar-rikorrenti fl-intier tagħhom bl-ispejjeż kontra l-istess rikorrenti;

Rat l-atti tal-kawża.

Rat li r-rikorrent naqas li jippreżenta nota ta' sottomissjonijiet fit-terminu lilu mogħti.

Rat in-nota ta' sottomissjonijet tal-Avukat tal-Istat.

Ikkunsidrat:

Ir-rikorrent twieled l-Eġittu fl-1961. Iżżewweġ fit-2004. Fil-2011 mar il-Libya sakemm kellu jitlaq minn hemmhekk waqt il-kunflitt vjolenti wara l-waqa' ta' Gadaffi. Gie Malta u talab għall-ażil. Fl-10 t'Ottubru 2015 il-Kummissarju għar-Rifuġjati ċaħadlu t-talba għall-istatus ta' Refuġjat għar-raġunijiet imsemmija fl-estratt tad-deċiżjoni tiegħu murija f'paragrafu 7 tar-Rikors Ġuramentat. Huwa appella quddiem il-Bord tal-Appell dwar ir-Rifuġjati li fis-27 ta' Mejju 2016 ċaħadlu l-appell għar-raġunijiet imsemmijin fil-bran tad-deċiżjoni riprodotta f'paragrafu 9 tal-istess Rikors Ġuramentat.

Fis-7 ta' Lulju 2016 ir-rikorrent talab li l-każ tiegħu jerġa' jiġi eżaminat skont Art. 7A tal-Kap 420 tal-Liġijiet ta' Malta iżda fis-27 t'Awwissu 2016 ġie nfurmat li l-Kummissarju għar-Refuġjati ċaħadlu t-talba.

Ikkunsidrat:

L-ewwel ilment tar-rikorrent huwa li d-deċiżjoni tal-Bord hija nieqsa mill-grad ta' motivazzjoni rikjesta mil-liġi. Huwa jserraħ fuq id-disposizzjonijiet tal-Art. 3(h) tal-Att dwar il-Ġustizzja Amministrattiva, Kapitolu 490 tal-Liġijiet ta' Malta li jispeċifika li:

> *"Is-sentenzi għandhom ikunu motivati. Tribunal amministrattiv għandu jagħti, b'mod biżżejjed ċar, il-motivi li fuqhom tkun mibnija d-deċiżjoni. Għalkemm ma jkunx meħtieġ li t-tribunal jiddisponi minn kull punt imqajjem bħala argument, sottomissjoni li tkun, li kieku din tiġi aċċettata, meħuda deċiżiva għar-riżultat tal-kawża, għandu jkollha risposta speċifika u espressa..."*

Skont ir-rikorrent hemm ksur tal-Art. 3(h) suċċitat billi l-Bord fid-deċiżjoni tiegħu jikkonkludi li l-provi ta' riskju ta' persekuzzjoni imressqa mir-rikorrent mhumiex konvinċenti iżda ma jġibx ir-raġunijiet li fuqhom wasal għal din il-konklużjoni. Ir-rikorrent jallega wkoll li ressaq provi li ġew injorati mill-Bord, fosthom ittra ta' patri u dikjarazzjoni solenni ta' oħt ir-rikorrent.

M'hemmx dubju li l-għoti ta' raġunijiet għal deċiżjoni ta' tribunal amministrattiv b'attribuzzjoni ġudizzjarja huwa element essenzjali tal-ġustizzja. Jekk iċ-ċittadin ma jkunx jaf b'raġunijiet bħal dawn, ma jkunx jaf jekk id-deċiżjoni tkunx imsejsa fuq kunsiderazzjonijiet mhux xierqa, kunsiderazzjonijiet irrilevanti, jew żbalji tal-liġi. Dan sabiex ikun f'qagħda li jappella jekk ikun hemm dritt għall-appell; jew li jattakka r-raġonevolezza tagħha permezz ta' stħarriġ ġudizzjarju mill-Qorti.

Biex jiġi stabbilit jekk tkunx motivata jew le, deċiżjoni bħal din jinħtieġ ikollha espożizzjoni ċara tar-raġunijiet li wasslu għaliha u dan b'mod li l-persuna effettwata tkun tista' tifhimhom.[1] M'hemmx għalfejn tkun elaborata jew twila; il-qosor ma jeskludix li wieħed jesprimi ruħu b'mod ċar. Lanqas hemm għalfejn li tinkludi kull punt jew sottomissjoni imqanqal mill-partijiet. B'danakollu, għandha tal-inqas tindika raffront bejn ir-raġuni tad-deċiżjoni u r-riżultanzi probatorji u l-prinċipju tad-dritt applikabbli.[2]

---

[1] *Christopher Falzon vs Noel Gauci*, Appell Inferjuri 12.06.2009.

[2] nf. App. **18.6.2010** in the case *Eugene Cardona vs Transport Malta*

Ikkunsidrat:

Mhux minnu li l-Bord ma tax raġuni l-għala ma sabx il-provi prodotti mir-rikorrenti konvinċenti. Huwa ikkunsidra li għalkemm il-Libya, fejn kien jgħix ir-rikorrent, ma kinitx iktar sikura wara l-kollass tar-reġim ta' Gaddafi, huwa seta' mar fl-Eġittu li huwa l-pajjiż ta' oriġini tiegħu u li dak iż-żmien kien joffri s-sigurta` għall-Insara Kopti li minnhom hemm l-eluf f'dak il-pajjiż. Din il-motivazzjoni mhix waħda xotta imma fiha riferenza għat-talbiet tar-rikorrent, kronoloġija tal-akkadut u riferenza dettaljata għal-liġi kostituzzjonali tal-Eġittu kif ukoll qagħda attwali fl-ibliet ewleninin - Alessandrija u Kajru - tal-Eġittu fir-rigward ta' Nsara Kopti bħar-rikorrent. Il-konklużjoni tas-sentenza hija r-riżultat naturali u loġiku ta' din il-motivazzjoni li min-naħa tagħha hija bbażata fuq il-fatti hekk kif konstati mill-Bord.

Il-Bord ikkonkluda wkoll li r-rikorrent ma pproduċiex prova li kien ippersegwitat jew li kien f'riskju li jiffaċċja l-persekuzzjoni fit-termini tal-Konvenzjoni ta' Ginevra tal-1951 jew li kien f'riskju ta' dannu serju fit-termini tal-Kap 420 tal-Liġijiet ta' Malta.

Wieħed jista' jaqbel jew ma jaqbilx mal-evaluwazzjoni tal-provi mill-Bord. Din il-Qorti iżda mhix waħda ta' appell, imma ta' reviżjoni. Mhix fil-kompetenza tagħha li tapprova jew tiċħad l-apprezzament sostantiv tal-fatti magħmul mill-Bord. Tista' biss tindirizza l-aspetti formali tad-deċiżjoni li qed tiġi attakkata skont il-kriterji tan-norma tal-ġustizzja naturali. Ir-rikorrent jallega li l-provi li ressaq ġew injorati mill-Bord. Dan iżda ma jirriżultax. Il-Bord ikkunsidrahom u sab, tajjeb jew ħażin, li ma jissodisfawx il-vot tal-liġi. Kjarament l-ewwel ilment huwa bla bażi.

It-tieni lment hu li r-rikorrent għandu dritt jappella mid-deċiżjoni li ċaħdet it-talba tiegħu għal reviżjoni magħmula skont l-Art. 7A tal-Kap 420. Jekk ir-rikorrent għandu dan id-dritt, m'hemm l-ebda ħtieġa għal dikjarazzjoni f'dan is-sens minn din il-Qorti u ghalhekk it-talba għal dikjarazzjoni tal-Qorti in sostenn ta' din l-allegazzjoni hija waħda superfluwa u frivola.

Għal dawn il-motivi, l-Qorti tiċħad it-talbiet kollha tal-attur.

Spejjeż a kariku tal-istess attur ħlief dawk in konnessjoni mas-sentenza in parte li għandhom jibqgħu kif ordnat fiha.

Moqrija.

ONOR. IMĦALLEF
GRAZIO MERCIECA